MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Numru 626/2001

Il- Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)

vs

Jason Scerri

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Jason Scerri ta' 31 sena iben Joseph u Jane xebba Farrugia mwieled Pieta' nhar il- 5 ta' Marzu 1974, u residenti No. 3, Zammit Street, Balzan u li ghandu l- karta ta' l- identita' 167774M.

Akkuzat talli nhar l- 1 ta' April 2001, wara nofs in- nhar fi Triq San Pawl in- Naxxar

a) Ikkometta serq ta' diversi oggetti fosthom video camera, u deheb, minn fond "Sweet Lord", Triq San Pawl,

Naxxar, liema serq hu kkwalifikat, bil- mezz, valur li jeccedi l- elf lira Maltin (Lm1000) u lok, u li sar ghad-detriment ta’ David Borg.

b) Rrenda ruhu recediv b’ diversi sentenzi moghtija mill- Qrati tal- Magistrati (Malta) nhar il- 11 ta’ April 1991, 28 ta’ Novembru 1995, 27 ta’ Frar 1998, 14 ta’ April 1998, 2 ta’ Gunju 1998, 20 ta’ Marzu 2000, rispettivament, liema sentenzi saru definitivi u ma jistghux jigu mibdula.

c) Talli fil- perjodu operattiv ta’ zewg sentenzi sospiza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) datati 3 ta’ Marzu 2000 u 20 ta’ Marzu 2000, fejn huwa kien misjub hati u kkundannat ghal piena ta’ 12 il- xahar prigunerija sospizi ghal 4 snin, u 10 xhur prigunerija sospizi ghal sentejn rispettivament, ikkommetta dan ir- reat li ghalih hemm il- piena ta’ prigunerija.

Rat in- nota ta’ l- Avukat Generali.

Rat li l- akkuzat ma oggezzjonax li l- kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Semghet ix- xhieda bil- gurament u rat l- atti kollha.

Rat li l- akkuzat ammetta l- akkuzi migjuba kontrih u rega tenna wara li l- Qorti spjegatlu xi tfisser tali ammissjoni u taghtu z- zmien jerga jahsibha.

Semghet it- trattazzjoni tad- difiza u tal-prosekuzjoni dwar il- piena. Issibu hati.

Stante li l- akkuzat li kellu l- vizzju tad- droga li llum qata, sab min jiehu hsiebu u ser iwaqqaf familja, il- Qorti ser tapplika l- art 28B(2)(b) tal- kap. 9 u dan wara li rat ukoll l- art. 261, 263, 267, 49, 50 li tar- reati kontemplati tahthom issibu hati b’ dan li l- perjodu effettiv tas- sentenzi moghotija mill- Qorti tal- Magistrati fit- 3 ta’ Marzu 2000 u fl- 20 ta’ Marzu 2000 jibda jghaddi m’ illum. Il- Qorti qed tispjega lil hati bi kliem car ir- responsabilita’ tieghu taht l-

art. 28A u 28B jekk huwa jikkometti reat matul il- perjodu effetiv li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------